MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 715/2013

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Isabella Bondin**

Permezz ta' rikors guramentat il-bank attur talab li l-konvenuta tigi kundannat thallas is-somma ta' ghoxrin elf mija u tlettax-il ewro u hames centezmi (€20,113.05), bilanc ghad-debitu fil-Loan Accounts tal-konvenuta (Dok. C1, C2 u D1, D2), bl-imghax ulterjuri mill-15 ta' Gunju 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament. Il-bank ippremetta li permezz ta' zewg skritturi privati, wahda tal-24 ta' Frar 2004 u l-ohra tas-6 ta' Mejju 2004, Isabella Bondin inghatat facilitajiet bankarji.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet notifikata izda ma wegbitx u lanqas deheret ghas-seduta tal-lum.

Fis-seduta tal-lum xehedet l-ufficjal tal-Bank of Valletta plc li kkonfermat li l-hlas ghadu dovut u li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat (24 ta’ Lulju 2013) ma saru l-ebda pagamenti. Fil-fatt mir-rendikonti jirrizulta li l-konvenuta ilha snin twal ma taghmel pagament lill-bank attur. Fl-iskritturi jinghad li l-hlas kellu jsir fi zmien hames snin. Mid-dokumenti jirrizulta li s-self inghata fis-27 ta’ Frar 2009 (Lm3,500) u 6 ta’ Mejju 2004 (Lm2,500). Ghalhekk suppost li sal-2009 il-bank thallas lura. Mill-atti hu evidenti li t-talbiet tal-bank huma gustifikati.

**Ghaldaqstant il-qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-Bank of Valletta plc u tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta’ ghoxrin elf mija u tlettax-il ewro u hames centezmi (€20,113.05) bl-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Gunju 2013 sad-data ta’ l-effettiv pagament. Spejjez a karigu tal-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------